Tejatru tad-dmija

Ġlied bla għadd, attakk ta' sorpiża
Ritaljazzjoni, ħalf, vendetta,
Taqtigħa għal min isib raġun
Familji muġugħa b'tant ħeffa.

Sparar, balal, rockets, tankijiet
Nies maqtula ħesrem bil-mijiet,
Alla jbierek kollox jibq'għaddej
Qisu f'did-dinja m'għandniex Feddej.

Ma nafx, jeħilli lsieni bla kliem
It-tnejn bi lsienhom ifaħħru s-sliem,
Imma fejn għebet li qalb li tħoss?
Li tant titbekka għax tgħid li tħobb?

U min se jsabbar lill-ommijiet?
Jixxotta dmugħ il-missirijiet?
Min se jkun ma' min ħuħ inqatel?
M'oħt dik li ġagħluha tinqafel?

Fejn hu l-Alla li ngħidu nqimu?
Ittarrax Hu jew m'għandniex ħinu?
Għax intilfna biss fir-ritwali
W ingħalaqna għal min ibati?

Kbir wisq il-kont li rridu nagħtu
Għax ħsilna jdejna bħal Pilatu,
Issa jonqos l-imbierek verdett
Li jaf ikun bil-wisq iebes, strett.

Sakemm għadna s'issa nieħdu n-nifs
Aħjar nagħmlu qrara kif imiss,
Għax il-mewt tiġi għal min hu *cool*,
Li jqatta' ħajtu viċin il-*pool*.

Minix ngħid li ma niddevertux
Lanqas ma jien ngħid ma ninestux,
Imma issa wasal dak iż-żmien
Li lkoll naħsbu fil-ħajja bla tmiem.

Hekk dit-traġedja ta' tant ħajjiet
Li sfaw mitlufa hekk bil-mijiet,
Tgħinna naqbdu triq it-tjubija
Hi teħlisna mhux il-kefrija.

Il-ġustizzja sseħħ bil-qdusija
Qatt w qatt bit-tejatru tad-dmija.

Patri Mario Attard OFM Cap
9 t'Ottubru 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.